**Nersqu lejn l-ugwaljanza meta nagħrfu bżonnijiet differenti**

Fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi li tippermetti differenzi abbażi tal-ġeneru, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) tgħid li differenzi bħal dawn huma ġustifikati meta dawn jindirizzaw l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri fis-soċjetà. L-Artikolu 6 tal-Avviż Legali 181 tal-2008, li jkopri d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, jgħid li: *"Bil-għan li tiġi żgurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn l-irġiel u n-nisa, il-prinċipju ta' trattament indaqs m'għandu jżomm lil ebda persuna milli żżomm jew tadotta miżuri speċifiċi biex tipprevjeni jew tikkumpensa l-iżvantaġġi marbutin mas-sess."*

L-NCPE tisħaq li biex tinkiseb ugwaljanza vera fis-soċjetà rridu nagħrfu li gruppi soċjali differenti jesperjenzaw bżonnijiet u sfidi differenti minħabba l-inugwaljanzi strutturali li ilhom jeżistu. L-eżistenza u l-esperjenza ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru hija eżempju ċar ta' tali differenza. Filwaqt li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jistgħu jesperjenzaw vjolenza abbażi tal-ġeneru tagħhom, in-nisa huma f'riskju ferm akbar ta' vjolenza bħal din kemm fl-isfera domestika kif ukoll f'dik pubblika.

Huwa komuni li n-nisa u l-bniet, fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, jesperjenzaw aġir sessist, kummenti sesswali mhux mixtieqa, u forom oħra ta' fastidju sesswali. Huma wkoll il-vittmi ewlenin ta' vjolenza bħal *stalking* u stupru. Dan huwa r-riżultat tal-iżbilanċ fis-soċjetà fejn l-irġiel għandhom aktar poter min-nisa; huma wkoll dawk il-gruppi soċjali li jinsabu f'pożizzjoni strutturali ta' inugwaljanza li huma aktar f'riskju ta' diskriminazzjoni u vjolenza.

Barra minn hekk, ir-realtà soċjali tal-vjolenza kontra n-nisa tħalli impatt qawwi fuq il-perċezzjoni tan-nisa u l-bniet fl-ispazju u fis-sensazzjoni tagħhom ta' sikurezza u sigurtà. Billi nirrikonoxxu din ir-realtà soċjali, wieħed mhux qed jassumi li l-irġiel kollha huma aggressuri. Tabilħaqq, ħafna mill-irġiel mhumiex. Madankollu, provvista ta' servizz li tfittex li toħloq spazji aktar siguri għan-nisa u l-bniet qiegħda sempliċiment tagħraf li n-nisa u l-bniet, f'ċerti sitwazzjonijiet, għandhom it-tendenza li jħossuhom inqas siguri mal-irġiel minħabba l-esperjenza soċjali reali ħafna ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, speċjalment jekk għaddew minn esperjenzi personali ta' din il-vjolenza.

Li titratta lil kull individwu l-istess meta tipprovdi s-servizzi, tkun qed tinjora l-isfidi li jesperjenzaw dawk il-persuni minħabba l-ġeneru tagħhom, u b'hekk issaħħaħ l-inugwaljanzi aktar milli tevita d-diskriminazzjoni.

Servizzi li jfittxu li jnaqqsu l-isfidi li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet minħabba l-ġeneru tagħhom mhux se jeliminaw l-għeruq fondi tal-inugwaljanzi soċjali. Madankollu, huma pass tajjeb biex itejbu l-ħajja tagħhom ta' kuljum - ħajjiet li ħafna drabi huma mfixkla minn esperjenzi ta' diskriminazzjoni u vjolenza abbażi tal-ġeneru.

**15 ta' Marzu 2024**